MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 753/2004

**Lucianne Cassar I.D. Nru 541871 (M)**

**vs**

**Dragonara Casino Limited**
**(C – 23950)**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni datata s-7 t'Ottubru, 2004, li permezz taghha sintetikament ippremettiet is-segwenti:

1. Illi fit-12 ta' Lulju, 2001, l-attrici korriet fuq ix-xoghol waqt li kienet qed topera "*slot machine*" fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta;
2. Illi l-incident in dizamina sehh unikament tort, b'negligenza, imperizja u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tas-sigurta` fuq il-post tax-xoghol da parti tas-socjeta` konvenuta;

3. Illi l-attrici soffriet kemm "*damnum emergens*" kif ukoll "*lucrum cessans*";

4. Illi nonostante li nterpellata tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti u kienet ghalhekk kostretta tiehu l-procedura odjerna;

Illi konsegwenza tas-suespost, l-attrici fuq indikata ressqet lis-socjeta` konvenuta quddiem din il-qorti sabiex twiegeb ghas-segwenti talbiet:

1. Illi jigi dikjarat li l-incident fuq indikat sehh unikament tort u htija, b'negligenza, traskuragni, imprizja u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tas-sahha u sigurta` fuq il-post tax-xoghol da parti tas-socjeta` konvenuta;

2. Illi jigu ghalhekk likwidati d-danni sofferti okkorrendo, bl-opra ta' periti nominandi;

3. Illi tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas id-danni hekk likwidati lill-attrici;

4. Bl-ispejjez kif mitluba fic-citazzjoni promotrici u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi, kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-attrici;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata t-2 ta' Novembru, 2004, li permezz taghha l-istess socjeta` sintetikament eccepiet is-segwenti:

1. Illi l-pretensjonijiet attrici huma:

i. Infondati;

ii. Preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16;

2. Illi in effetti hu anke kontestat l-allegat fatt li sehh xi incident fil-post tax-xoghol in dizamina;

3. Illi s-socjeta` konvenuta tipprovdi “*safe system of work*” u anke harrget lill-attrici biex taghmel ix-xoghol taghha, biex b’hekk kwalunkwe incident li seta` sehh gara unikament bi traskuragni tal-istess attrici;

4. Illi l-“*quantum*” ta’ dizabilita` hu ezagerat u allura, ikkontestat;

5. Illi meta l-attrici kienet mistiedna tiddiskuti l-possibilita` ta’ transazzjoni jirrizulta li ma qablitx u minflok fethet il-procedura odjerna, u konsegwentement is-socjeta` konvenuta m’ghandhiex tbati spejjez;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta;

Rat il-verbal datat it-18 ta’ Jannar, 2005 li permezz tieghu l-attrici talbet u ottjeniet il-korrezzjoni hemm mitluba, (ara fol 23);

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` konvenuta datat l-4 t’April, 2006, li permezz tieghu s-socjeta` konvenuta irtirat l-eccezzjoni taghha rigwardanti l-preskrizzjoni, (ara fol 27);

Rat il-verbal taghha diversament preseduta datat l-10 ta’ Marzu, 2009, (ara fol 53), li permezz tieghu hatret lil Charles Sciberras bhala espert mediku sabiex:

i. Jezamina lill-attrici;

ii. Jikkonstata l-griehi li sofriet;

iii. Jekk ikun il-kaz, jikkonstata l-grad ta’ dizabilita` minnha soffert;

Ezaminat ix-xhieda prodotta u mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

Ezaminat ix-xhieda l-ohra pprezentata permezz t’affidavit;

Rat il-verbal datat it-8 ta’ Gunju, 2011, li permezz tieghu l-abbli rapprezentant legali tal-attrici infurmaha li ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-qorti kif preseduta tiehu konjizzjoni tax-xhieda gia` mismugha minnha izda diversament preseduta daqs li kieku giet mismugha minn din il-qorti kif issa preseduta;

Rat in vista ta’ l-istess, il-visto tal-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` konvenuta tal-verbal tat-8 ta’ Gunju, 2011, datat it-22 ta’ Gunju, 2011, (ara fol 126);

Rat il-verbal tal-partijiet datat l-1 ta’ Lulju, 2011, li permezz tieghu qablu li t-trattazzjoni ssir kemm b’mod skritt, kif ukoll verbalment;

Semghet lix-xhud prodott quddiemha kif issa preseduta;

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-attrici datat is-27 ta’ Marzu, 2012, li talab li jinghata l-opportunita` jipprezenta n-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu stante li l-perjodu lilu precedentement moghti ghadda inutilment, (ara fol 133);

Rat id-digriet taghha tal-istess data ndikata fil-verbal riferit fil-paragrafu precedenti li permezz tieghu, wara li kkonstatat in-nuqqas t’oppozizzjoni tal-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` konvenuta, laqghet l-imsemmija talba, (ara wkoll fol 133);

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti, inkluz ir-relazzjoni peritali tal-espert mediku fuq indikat;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sinstetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-attrici Lucianne Cassar kienet impjegata bhala “*slot attendant*” mas-socjeta` konvenuta;

2. Illi dan ix-xoghol partikolari kien jinkludi l-ezercizzju li darba fil-gimgha l-attrici kienet tbattal il-magni in dizamina mill-flus li kienu jingabru fihom;

3. Illi f'dan l-ezercizzju, l-muniti li kienu jingabru fl-imsemmija magni kienu jingabru fil-magni stess fi speci ta' barmil – maghruf bhala "*hopper*";

4. Illi l-ezercizzju in dizamina kien jikkonsisti fl-azzjoni li l-attrici kien ikollha tinzel gharkubtejha biex taqla` l-"*hopper*" minn postu u biex dan isehh, wiehed kien irid " … itih naqra ta' skoss", (ara fol 128);

5. Illi meta l-attrici kienet giet impjegata mas-socjeta` konvenuta kienet giet murija kif kellha taghmel dan ix-xoghol partikolari ndikat fil-paragrafu precedenti izda jidher li kull magna tal-loghob kellha l-metodu specifiku taghha kif tigi operata;

6. Illi l-attrici weggghet meta waqt li kienet qed topera din il-magna u tigbed il-"*hopper*" in kwistjoni hi giet biex tqum mill-pozizzjoni li fiha kienet gharkubtejha u korriet;

7. Illi l-attrici ssostni li f'dan il-mument weggghet idejha l-leminija, precizament taht il-polz – hasset speci ta' gibda – li zammitha;

8. Illi l-"*hopper*" inkluz il-muniti li kellu go fih, kien jizen madwar ghoxrin (20) kilo, meta jkun mimli, bhal ma kien fil-kaz li ta bidu ghall-procedura odjerna;

9. Illi l-istess attrici ssostni, (ara fol 129), li meta hadet l-iskoss in dizamina baqghet immobbilizzata u kien biss wara l-intervent ta' xi kollegi li tpoggiet bil-qieghda u inghatat l-ghajnuna necessarja;

10. Illi l-attrici ssostni li ghadha tbati l-ugiegh ikkagunat minn dan l-incident li sehh fit-12 ta' Lulju, 2001 u effettivament ghadha taht kura medika u tiehu l-medicini ghall-istess;

11. Illi ghalkemm illum tahdem, l-attrici ssostni li kagun tal-imsemmi incident, ma terfax oggetti;

12. Illi bhala effett immedjat tal-incident fuq sintetikament deskritt, l-attrici ssostni li jdejha l-leminija ntefhet mill-ewwel u ma setghetx iccaqlaq daharha u ghalhekk, ittiehdet l-isptar fejn damet biss madwar jumejn, (ara fol 130);

13. Illi konsegwenza tal-istess, l-attrici poggewlha jdejha l-leminija fil-gibz u ghamlulha cintorin bhala protezzjoni ghal daharha;

Ikkunsidrat:

Illi l-espert mediku fuq indikat sintetikament irrelata bil-mod segwenti:

1. Illi l-incident in dizamina sehh kif sintetikament espost fil-paragrafi relattivi precedenti;

2. Illi rizultat tal-istess, l-attrici weggghet daharha u l-polz t'idejha l-leminija;

3. Illi mir-ritratti mehudin l-isptar irrizulta li f'daharha ma kien hemm l-ebda ksur, izda fil-polz tal-lemin kien irrizulta li hemm xaqq u ghalhekk innecesita li jsirilha l-gibz mill-minkeb l'isfel, (ara fol 108);

4. Illi l-attrici damet sitt (6) gimghat fil-gibz u wara li dan tnehha ghamlet perjodu taghmel it-terapija u hafna xhur tilbes "*splint*" ghall-polz, (ara fol 108);

5. Illi meta fl-2007, madwar sitt (6) snin wara l-incident in dizamina, l-attrici kellha xi hames (5) xhur tqala`, bdiet ukoll tbati severament b'ugiegh f'daharha, tant li kienet kostretta titlaq mill-impjieg li kellha dak iz-zmien, u kienet anke kostretta twelled permezz ta' cesarja, (ara fol 109);

6. Illi konsegwenza tal-istess indicent, l-attrici ma tistax terfa' jew tqandel affarijiet u dan, kemm minhabba f'daharha kif ukoll minhabba l-polz – iz-zewg fatturi konducibbli direttament ghall-incident in dizamina;

7. Illi di piu` gie wkoll medikament ikkonstatat mill-istess espert mediku nominat fuq indikat, li kagun dirett tal-istess incident, l-attrici ma tistax iddum bil-wieqfa ghal perjodi twal, per ezempju, ma' sink tal-kcina, ma tistax tahsel l-art b'kumdita` u tbati biex taghmel certu facendi komuni fosthom li taghsar il-hwejjeg u terfa' lil bintha stess;

8. Illi xi kultant, l-istess ugiegh anke jqajjimha bil-lejl;

9. Illi qabel l-incident in dizamina, l-attrici ma kienet tbati mill-ebda wiehed mis-sintomi ndikati fil-paragrafu precedenti;

10. Illi kagun tal-incident in dizamina l-attrici jirrizultalha s-segwenti:

i. Illi hadet skoss;

ii. Illi garrbet hsara fit-tessuti rotob, (ligamenti u muskoli), ta' daharha;

iii. Illi ghal dak li jirrigwarda l-polz, l-attrici qed tbati minn kundizzjoni maghrufa bhala "*de Quervain's tenosynovitis*" – kundizzjoni komuni hafna li, skont l-istess espert mediku fuq riferit, "tista titfejjaq", (ara fol 111);

iv. Illi d-dizabilita` riskontrata mill-imsemmi espert mediku giet stmata li hi ekwivalenti ghal sitta (6) fil-mija;

Ikkunsidrat:

Illi l-kundizzjoni fjammatorja ndikata fil-paragrafu 10 (iii) aktar qabel, hi wahda li teffettwa it-tendini tan-naha tal-genb tal-polz fil-bazi tas-subgha l-kbir u tigi kkagunata b'xi

agitazzjoni fizika bhal dik riskontrata fil-kaz in dizamina u li komunament tikkaguna nefha u sensittivita` aktar minn-normal li anke tasal biex tikkaguna l-ugiegh;

Ikkunsidrat;

Illi tenut kont li x-xhieda prodotta tikkonbacca mar-rizultanza medika fuq sintetikament esposta, din il-qorti m'ghandhiex ragunijiet ghaliex ma takkoljix il-konkluzjonijiet tal-espert mediku nominat minn din il-qorti diversament preseduta, nonostante li aktar konservattiva minn dik tal-espert mediku ex parte, u konsegwentement, tiddikjara li qed takkolji l-istess konkluzjonijiet tal-imsemmi espert mediku minnha in toto u taghmilhom taghha;

Ikkunsidrat:

Illi rigwardanti l-eccezzjoni ta' natura preliminari tas-socjeta` konvenuta, senjatament dik tal-preskrizzjoni biennali a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap 16, stante l-verbal tal-istess socjeta` datat l-4 t'April, 2006, a fol 27, li permezz tieghu irtirat l-istess eccezzjoni, jigi sottolineat li ghal din ir-raguni mhix tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess eccezzjoni preliminari u tiskartaha;

Ikkunsidrat:

Illi l-problematika riskontrata hi naxxenti mill-prassi adoperata mis-socjeta` konvenuta koncernanti l-gbir tal-muniti jew "*chips*" utilizzati fit-tbattil tal-"*hoppers*" uzati fis-"*slot machines*" tas-socjeta` konvenuta;

Illi jirrizulta li meta dawn il-"*hoppers*" ikunu mimlijin muniti jew "*chips*" ikunu jiznu piz konsiderevoli, dak ta' madwar ghoxrin (20) kilo, fatt li ma giex konfutat mis-socjeta` konvenuta, u li allura qieghed jigi ikkonsidrat bhala ipprovat skont il-ligi;

Illi l-piz hawn riskontrat hu wiehed kospikwu u kuntrarjament ghal dak minnha sostenut fl-eccezzjonijiet taghha, ma jirrizultax mill-atti mismugha jew mid-dokumenti esebiti, li s-socjeta` konvenuta kellha xi prattici

partikolari li permezz taghhom kienet tipprotegi lill-impjegati taghha, huma ta’ liema sess huma;

Illi li jirrizulta hu li l-“*hoppers*” jinqalghu mis-“*slot machine*” bl-iskoss moghti u li l-piz riskontrat fl-operazzjoni in dizamina u l-pozizzjoni skomda biex jingabar dan kollu jikkontribwixxu b’mod determinanti ghall-incident riskontrat;

Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-istess socjeta` konvenuta **tippekka serjament** f’dan ir-rigward stante li jidher assodat li halliet lill-impjegati taghha fosthom partikolarment l-attrici, minghajr prassi adegwata jew protezzjoni meqjusa bzonnjuza f’dan il-qasam tax-xoghol in kwistjoni, b’dannu ghall-inkolumita` personali tal-impjegati taghha, inkluza l-attrici, li hi fid-dover li tittutela fl-oghla grad ragonevoli possibbli;

Illi wara kollox, impjegat hu sors importantissimu ghall-azjenda tieghu, li mhux biss jimmerita dik it-tutela necessarja kemm fizika, kemm morali ghall-inkolumita` tieghu li ghandha tinghata statutorjament, izda aktar min hekk – jisthoqqlu, li allura ghandu jattira l-abtar forma ta’ tutela fir-rigward, stante li din il-protezzjoni ghandha wkoll tissalvagwardja **d-dinjita`** intrinsika tal-istess impjegat;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-allegazzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta li meta l-attrici kienet mistiedna tiddiskuti l-possibilita` ta’ transazzjoni ghazlet minflok li tintroduci l-procedura odjerna, ghandu jinghad li minnu nnifsu dan m’ghandux jew awtomatikament jimputa xi negattivita` jew attitudini nefasta fl-operat tal-istess attrici;

Illi f’dan ir-rigward ghandu jigi sottolineat li meta persuna, fizika jew guridika, tezercita d-drittijiet lilha legittimament spettanti, l-ezercizzju tad-decizjonijiet taghha jkun biss wiehed intiz biex jittutelaw id-drittijiet li legittimament tippretendi li jista` jkollha fic-cirkostanzi;

Illi fih innifsu tali nuqqas ta' ftehim ut sic, minghajr ma jigu ezaminati c-cirkostanzi kollha ta' tali falliment, mhux awtomatikament ekwivalenti ghal xi nuqqas tal-parti involuta bhal ma gie allegat mis-socjeta` konvenuta fil-konfront tal-attrici;

Illi effettivament tali kundanna tirrikjedi analizi ferm ampju u dettaljat, u tali konkluzjoni li s-socjeta` konvenuta waslet ghaliha f'dan ir-rigward fil-konfront tal-attrici kif minnha ndikata fl-imsemmija nota tal-eccezzjonijiet taghha, mhux biss hi konkluzjoni superfluwa, izda timmerita li tigi mmedjatament skartata;

Illi hu principju affermat u ampjament konsolidat mill-logika processwali, meta l-partijiet involuti liberament jinnegozjaw il-pozizzjoni rispettiva taghhom bl-eventwali ghan li jipprovaw jaslu ghal transazzjoni durevoli, dan l-ezercizzju negozjali jaghmluh b'mod verament **liberu**, u biex dan verament jikkwalifika bhala tali, l-falliment li dejjem jista' jirrizulta minn tali negozjati, m'ghandu jattira l-konsegwenza negattiva sollevata mis-socjeta` konvenuta fuq riferita, molto piu`, meta wiehed jikkonsidra li fil-konkluzjoni ta' transazzjoni ekwa, huma **l-istess partijiet involuti** li jridu **ugwalment** jikkonkorru fil-konkluzjoni finalment konkordata bejniethom;

Illi ghalhekk kuntrarju ghall-eccezzjoni in dizamina sollevata mis-socjeta` konvenuta, kwalunkwe falliment riskontrat jista' facilment ikun attribwibbli kemm lill-parti, kemm lill-ohra, minghajr distinzjoni;

Illi ghaldaqstant, anke din l-eccezzjoni partikolari sollevata mis-socjeta` konvenuta qed tigi respinta;

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta eccepiet ukoll li pprovdiet lill-haddiema taghha **" … (a) safe system of work"** ghandu immedjatament jigi sottolineat li din il-prattika kif minnha allegata ma gietx ippruvata skont il-ligi;

Illi effettivament ghandu jinghad li ghal dak li jirrigwarda t-tahrig allegatament moghti mis-socjeta` konvenuta lill-attrici qabel ma din assenjatilha r-responsabbilita` partikolari riskontrata, dan it-tahrig la jirrizulta li kien moghti, u li jekk moghti, la kien riferut lil din il-qorti effikacement, u lanqas jirrizulta li kien effettiv, serju jew preventiv;

Illi ghalhekk tenut kont tar-responsabbilita` tas-socjeta` konvenuta f'dan ir-rigward kif fuq sintetikament sottolineat u, stabbilit li din l-istess socjeta` ippekkat ukoll fil-livell ta' tahrig li kienet statutorjament tenuta li taghti lill-impjegati taghha biex b'mod generali, tittutela l-inkolumita` fizika u psikika taghhom, u b'mod partikolari dawk tal-attrici, hu issa essenzjali li tigi ezaminata l-kwistjoni tad-danni sofferti mill-istess attrici kawza tal-incident de quo;

Ikkunsidrat:

Illi f'dan ir-rigward jirrizulta assodat li b'rizultat dirett tal-incident in dizamina l-attrici ghaddiet minn diversi ezamijiet, konsultazzjonijiet u nterventi medici;

Illi jirrizulta wkoll assodat mill-konkluzjonijiet li waslu ghalihom it-tobba nvoluti li konsegwenza tal-istess incident il-kapacita` motorja u r-resistenza fizika tal-attrici gew effettwati negattivament;

Illi pero` jirrizulta assodat ukoll li nonostante s-suespost l-attrici rritornat attivament ghad-dinja tax-xoghol wara perjodu pjuttost qasir, ghalkemm il-livell partecipattiv f'din id-dinja partikolari ma baqax fl-istess livell li kien qabel ma sehh l-incident in dizamina, izda xorta wahda mhix impeduta milli tingagga f'attivita` redditizja, ghalkemm cirkoskritta;

Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-kwistjoni naxxenti mid-**damnum emergens** ghandu jinghad li l-ispejjez medici effettivament riskontrati ma jirrizultawx li huma kospikwi tant, li komplessivament jidher li skont id-dokumenti esebiti in atti dawn jammontaw biss ghal mija u tlieta u disghin Lira Maltin, (LM193.00), (ara fol 95);

Illi ghal dak li jirrigwarda l-**lucrum cessans**, senjatament il-kumpens mitlub mill-attrici ghaliex b'rizultat tal-incident in dizamina d-dizabilita` fizika u psikika riskontrata tellfitha l-introjtu finanzjarju minnha allegat, ghandu jinghad li l-iskema proposta mill-istess attrici fl-affidavit taghha, (ara fol 95), qed tigi akkolta pero`, bl-eccezzjoni tal-fatt li d-dizabilita` riskontrata u li fuqha hi bbazata l-metodologija kollha ghall-oghti tal-kumpens mitlub mhux dik kif minnha allegata ta' tmienja (8) fil-mija fuq l-iskorta tal-percentwali ta' dizabilita` kif stabbilita mill-abbli kirurgu "ex parte", izda fuq dik ta' sitta (6) fil-mija, kif stabbilita mill-abbli espert mediku nominat minn din l-istess qorti kif diversament preseduta u kif indikat aktar qabel;

Illi ghalhekk, a bazi tal-istess formola kif mahduma mill-istess attrici fl-affidavit taghha fuq riferita izda kif korretta kif sottolineat fil-paragrafu precedenti, l-ammont ta' kumpens tenut ekwiparabbli ghad-dizabilita` ta' sitta (6) fil-mija hekk stabbilita, l-ammont ta' kumpens li hawn qed jigi likwidat hu dak t'erbatax –il elf, sitt mija u sebghin Lira Maltin, (LM14,670.00), ekwivalenti ghal erbgha u tletin elf, mija u wiehed u sebghin Ewro u wiehed u disghin centezmu, (€34, 171.91);

Ikkunsidrat:

Illi gie wkoll ritenut minn din il-qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **Busuttil illum Cordina et vs Dr. Josie Muscat et** datata t-30 ta' Novembru, 2010, per l-Onorevoli Imhallef Giannino Caruana Demajo, jigi ribadit li d-dannu patrimonjali soffert mill-attrici " … ma huwiex biss patrimonjali", (ara paragrafu 59 p.16);

Illi tenut kont li jirrizulta assodat li minhabba l-incident in dizamina l-attrici odjerna soffriet is-segwenti:

i. Illi meta welldet lil bintha kienet minhabba f'hekk, prekluza milli twellidha b'mod naturali – dritt li kull mara ghandu jkollha l-possibilita` li tezercita u li fi kwalunkwe kaz m'ghandux ikun incident ikkagunat minn terzi li jinnegalha dan id-dritt;

ii. Illi minhabba f'hekk ukoll ma tistax, bhal generalita` ta' persuni fizici ohra, terfa' lil bintha – haga li tista` anke taffettwa naturalment lill-istess bintha b'mod pjuttost negattiv;

iii. Illi hi kostretta tfittex xoghol partikolari konsonu mad-dizabilita` riskontrata, haga li anke tenut kont ta' ekonomija in recessjoni, jkompli jzid id-dizgwid li l-attrici hi effettwata minnha rizultat tal-istess;

iv. Illi ovvjament rizultat tal-istess dizabilita`, meta pparagunata mal-pozizzjoni taghha qabel l-incident de quo, l-attrici hi kostretta tiffrekwenta istituzzjonijiet medici necessarji ghall-kura minnha mehtiega minflok ma tgawdi hajjitha u lill-familja taghha fil-liberta` bhal generalita` tal-persuni fis-socjeta`;

v. Illi tenut kont ta' din id-dizabilita` riskontrata, jigi sottolineat li r-relazzjoni taghha ma' dixxendenti u anke axxendenti taghha giet mibdula u konsegwentement, il-liberta` t'azzjoni tal-attrici fir-rigward giet ukoll illegittimament cirkoskritta mid-dizabilita` riskontrata;

vi. Il-perjodu necessarju mehud fl-espiazzjoni tal-procedura odjerna;

Illi ghalhekk id-dizabilita` riskontrata effettivament taffettwa l-integrita` psiko-fizika tal-attrici, liema integrita` hi tutelata kemm mill-Kostituzzjoni ta' Malta, kemm mill-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif ukoll mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

Illi a skans ta' ripetizzjoni inutili taghmel ampja referenza ghall-paragrafu 60 tas-sentenza tal-Prim' Awla fuq citata fejn gie hemm ribadit li l-qrati Maltin huma wkoll marbuta li jinterpretaw il-ligi Maltija b'mod konformi mal-ligijiet naxxenti mill-istrumenti legali ndikati fil-paragrafu precedenti;

Illi in oltre, l-artikolu 1033 tal-Kap 16, jistabbilixxi s-segwenti:

"Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi**, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk**";

Illi ghalhekk l-interpretazzjoni tal-kliem "**tal-hsara**" m'ghadhiex aktar limitata bhal ma kienet tradizzjonalment ghall-"***damnum emergens***" u "***lucrum cessans***", izda ghandha tinkludi l-hsara **kollha** riskontrata – u allura mhux dik esklussivament patrimonjali – bhal ma hi dik naxxenti mit-tifrik tal-integrita` fizika tal-persuna;

Ikkunsidrat:

Illi in konnessjoni ma' l-artikolu 1045 (1) tal-Kap 16 li jiddetermina kif jitqiesu d-danni in dizamina, il-kliem " … telf effettiv …" hemm indikat ghandu ghalhekk ukoll jinkludi l-menomazzjoni plurima riskontrata fuq indikata u mhux kif s'issa dejjem giet limitata fl-interpretazzjoni restrittiva s'issa sostenuta lokalment;

Illi kif gie abbilment ritenut fis-sentenza fuq gia` citata, l-ligi tad-delitti civili in dizamina f'pajjiz li llum hu membru dehen tal-Unjoni Ewropea kolpit kif inhu bil-legislazzjoni fuq riferita;

" … ma tistax tkompli thalli bla rimedju lil min igarrab hsara fil-valuri fundamentali tal-hajja";

Illi ghandu jkun pacifiku li l-hajja li fin-normalita` tac-cirkostanzi tista' tkun pjenament vissuta mill-attrici giet effettivament cirkoskritta b'mod li hi effettwata negattivament mhux biss fizikament izda wkoll psikikament, haga li timmerita l-ekwiparazzjoni ezistenzjali li l-imsemmija legislazzjoni, Konvenzjonijiet, u Karta Ewropea, jindirizzaw bi kjarezza u li l-qrati Maltin ma jistghux ikomplu jippekkaw fir-rigward billi jinjorawhom;

Illi kif abbilment sostniet din l-istess qorti diversament preseduta fis-sentenza fuq gia` citata, fin-nuqqas ta' legislazzjoni, nonostante li din il-qorti thoss id-dover li issa torjenta din il-vertenza partikolari b'ekwita`, tali likwidazzjoni hawn indirizzata ma tistax tigi kwantifikata b'mod iehor hlief *arbitrio boni viri* anke in vista tal-fatt tal-istress processwali riskontrat li wkoll jimmerita l-ekwiparazzjoni monetarja dovuta;

Illi konsegwentement, tenut kont tal-fatturi kollha fuq riferiti u tal-fatt li qed jigi zviluppat rimedju **innovattiv** ulterjuri ibbazat fuq l-ordinament guridiku Ewropew aktar ampju li tieghu Malta llum tifforma parti integrali tieghu, u wkoll wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-implikazzjonijiet kollha nvoluti, tillikwida d-danni in dizamina – ultra patrimonjali – sofferti mill-attrici fis-somma ta' tmint elef Ewro, (€8,000.00);

Ikkunsidrat:

Illi in vista tar-ragunijiet fuq sintetikament esposti din il-qorti tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` konvenuta u konsegwentement:

1. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta Dragonara Casino Limited hi esklussivament u unikament responsabbli tal-incident meritu ta' din il-kawza li permezz tieghu korriet l-attrici Lucianne Cassar, u dan, talli tali incident sehh unikament tort, htija, b'negligenza, traskuragni, imperizja, u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tas-sahha u sigurta` fuq il-post tax-xoghol;

2. Illi tillikwida d-danni sofferti mill-attrici Cassar fuq indikata bil-mod segwenti:

| | LM | € |
|---|---|---|
| i. "Damnum Emergens": | 193 | 450.00 |
| ii. "Lucrum Cessans": | 14,670 | 34,172.00 |

iii. Danni Ezistenzjali: 8,000.00

Total: 42,622.00

3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta Dragonara Casino Limited thallas l-ammont totali komplessiv fuq indikat lill-attrici Lucianne Cassar;

4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti skont il-ligi mis-7 t'Ottubru, 2004 sad-data tal-effettiv pagament.

______________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------